

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar L-iżviluppi fis-settur tas-servizzi lin-negozju fl-Ewropa

(2009/C 27/06)

Nhar is-6 ta' Diċembru 2007, is-Sinjura Margot Wallström, Viċi-President tal-Kummissjoni Ewropea u Kummissarju għar-Relazzjonijiet Istituzzjonali u l-Istrateġija tal-Komunikazzjoni, u s-Sur Günter Verheugen, Viċi-President tal-Kummissjoni Ewropea u Kummissarju għall-Intrapriża u l-Industrija, talbu lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew biex iħejji opinjoni esploratorja dwar

L-iżviluppi fis-settur tas-servizzi lin-negozju fl-Ewropa.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar il-11 ta' Ġunju 2008. Ir-rapporteur kien is-Sur Calleja.

Matul l-446 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fid-9 u fl-10 ta' Lulju 2008 (seduta tad-9 ta' Lulju), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'135 vot favur, 2 voti kontra u 12-il astensjoni.

1. Introduzzjoni

1.1 Is-Sinjura Margot Wallström, Viċi-President tal-Kummissjoni Ewropea għar-Relazzjonijiet Istituzzjonali u l-Istrateġija tal-Komunikazzjoni u s-Sur Günter Verheugen, Viċi-President għall-Intrapriża u l-Industrija, talbu lill-KESE jħejji opinjoni esploratorja dwar is-servizzi lin-negozju billi jibni fuq il-ħidma li saret fuq opinjoni preċedenti ⁽¹⁾ li kkunsidrat is-servizzi lin-negozju u l-industrija u janalizzaha fil-fond.

1.1.1 Dan l-istudju għandu jfakkar l-importanza kbira li l-Kummissjoni Ewropea tagħti lill-Aġenda ta' Lisbona biex tippreserva u żżid il-kompetittività ta' l-industrija Ewropea billi timmaniġġja l-proċess ta' bidla b'konformità ma' l-istrateġija Ewropea għall-iżvilupp sostenibbli u fil-livell soċjali billi r-rappreżentanti ta' l-imsieħba soċjali jiġu inkuraġġuti jinneogzjaw fil-livell adattat.

1.1.2 Il-kisba ta' tali objettivi trid timxi id f'id mas-semplifikazzjoni tal-qafas regolatorju għall-industrija, li hija prijorità politika li tikkostitwixxi wieħed mill-prinċipji ewlenin li jirfdu l-politika industrijali tal-Kummissjoni.

1.1.3 Barra minn hekk, din il-politika industrijali hija kkaratterizzata minn approċċ integrat li jqis il-bżonnijiet tas-setturi differenti.

2. Sommarju tal-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet

2.1 Rikonossiment ta' l-importanza tas-settur tas-servizzi fl-iżvilupp ekonomiku u soċjali

Il-KESE huwa tal-fehma li hemm bżonn urġenti ta' bidla ġenwina fl-approċċ lejn il-qasam tas-servizzi u li dan l-approċċ jiġi approfondit; dan il-qasam m'għandux jitqies iktar bħala sempliċi appendiċi għall-industrija tal-manifattura. Is-soċjetà għaddeja minn bidliet kbar u s-servizzi jinsabu fiċ-ċentru ta' dawn il-bidliet. Għalhekk il-Kummissjoni Ewropea għandha tagħraf dan l-iżvilupp u tagħtih iktar importanza.

2.2 Nistabbilixxu l-prijoritajiet ta' l-azzjonijiet

Meta wieħed jikkunsidra l-firxa wiesgħa ta' azzjonijiet possibbli fl-oqsma tal-politika relatata mas-servizzi lin-negozju, huwa importanti ħafna li dawn l-azzjonijiet jingħataw prijorità. Hemm bżonn urġenti li jsir progress rigward l-għaxar objettivi ewlenin stipulati fil-Programm Komunitarju ta' Lisbona għall-perijodu 2008-2010. B'mod dirett jew indirett, dawn jinfluwenzaw l-iżvilupp tas-servizzi fil-ġejjieni. Fil-fehma tal-KESE, dawn il-prijoritajiet għandhom ikunu stabbiliti f'din l-ordni:

— *Azzjoni dwar il-politiki b'rabta mas-servizzi lin-negozju u Grupp ta' Livell Għoli.* Huwa rakkomandat li jitwaqqaf Grupp ta' Livell Għoli dwar is-Servizzi lin-Negozju biex jagħmel analiżi iktar profonda tas-settur, jifli l-politiki eżistenti sabiex jidentifika u jevalwa dawk li l-iktar kienu effettivi u rnexxew firrigward tas-servizzi lin-negozju, u jippjana azzjonijiet ta' politika konkreta bl-għan li jindirizzaw in-nuqqasijiet u l-bżonnijiet prinċipali. Għandha tingħata attenzjoni partikulari lill-karattru ferm differenti tad-diversi subsetturi tas-servizzi lin-negozju biex ikun identifikat liema minnhom ħaqqhom attenzjoni partikulari u fliema livell (reġjonali, nazzjonali, ta' l-UE) tkun ġustifikata azzjoni politika.

— *Politika tas-suq tax-xogħol fis-servizzi lin-negozju.* Minn perspettiva soċjali, huwa meħtieġ studju profond fil-livell settorjali dwar l-isfidi li qed joħolqu t-tipi ġodda ta' impjegi ġenerati mill-interazzjonijiet tas-servizzi tal-manifattura u tan-negozju. Din l-analiżi għandha tinkludi l-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja, kif ukoll il-kondizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema inklużi dawk involuti fil-proċessi ta' esternalizzazzjoni. Biex jintlaħaq dan l-objettiv, għandu jiġi inkuraġġut id-djalogu soċjali fil-livell settorjali. F'dan il-kuntest, għandha titfassal aġenda bl-għan li jiġu diskussi l-bidliet speċifiċi fil-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-opportunitajiet ta' xogħol li jirriżultaw minn bidliet strutturali li jaffettwaw lis-settur tas-servizzi lin-negozju.

— *Servizzi lin-negozju fil-politiki marbuta ma' l-innovazzjoni.* Il-programmi fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni u azzjonijiet maħsuba għall-innovazzjoni fil-qasam tas-servizzi għandhom jiġu promossi bil-qawwa. Oqsma bħalma huma l-innovazzjoni organizzattiva, is-servizzi lin-negozju li jiffukaw fuq l-għarfien (Knowledge-Intensive Business Services — KIBS) u l-ġestjoni ta' l-innovazzjoni jistħoqqilhom iktar attenzjoni.

⁽¹⁾ ĠU C 318/2006, 23.12.2006, p. 4 (CCMI/035).

- *Żvilupp ta' l-istandards tas-servizzi lin-negozju.* L-intrapriżi għandhom jitħeġġu jagħtu l-kontribut tagħhom għat-twaqqif ta' standards permezz ta' l-awtoregolazzjoni wara konsultazzjoni intensiva ma' l-utenti tas-servizzi lin-negozju. L-appoġġ tal-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) u l-imsieħba tagħha (pjattaforma miftuħa), huwa essenzjali għat-tixrid tar-riżultati ta' l-innovazzjoni li rnexxiet, b'mod partikulari permezz ta' bini ta' consensus informali u rapidu.
- *Promozzjoni tax-xjenza tas-servizzi* bħala dixxiplina ġdida fl-educazzjoni u t-taħriġ.
- *Is-suq intern u r-regolamentazzjoni li taffettwa s-servizzi lin-negozju.* Il-KESE identifika lista ta' oqsma li jinħtieġ li jkunu ttrattati bl-għan li tinkiseb is-semplifikazzjoni, iċ-ċarezza u t-tnaqqis tal-piżijiet regolatorji, mingħajr ovvjament ma jidd-għajfu l-obbligi eżistenti fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u fl-obbligi tar-rappreżentazzjoni tal-ħaddiema. Jidher, fost affarijiet oħra, li għadu ma sarx studju dwar l-impatt tad-Direttiva tas-Servizzi fuq is-servizzi lin-negozju u li dan jistħoqqlu sforz kbir ħafna, speċjalment għaladarba d-direttiva tkun trasposta fil-leġislazzjoni nazzjonali. Dan l-isforz għandu jinkludi l-identifikazzjoni ta' iktar azzjonijiet possibbli fir-rigward ta' kummerċ iktar miftuħ u kompetizzjoni msaħħa fis-suq intern ta' l-UE ta' wara t-tkab-bir.
- *Iktar titjib fl-istatistika b'rabta mas-servizzi lin-negozju.* L-Istati Membri huma mitluba jikkollaboraw aktar biex l-istatistika dwar is-servizzi lin-negozju tittejjeb, u, b'mod partikulari, biex tinġabar informazzjoni aktar siewja dwar l-andament u l-effetti tagħha fuq l-ekonomija ta' l-Istati Membri — għodda meħtieġa għall-gvernijiet, jekk l-għan tagħhom huwa li jgħinu s-settur jiżviluppa l-potenzjal tiegħu. L-emendi reċenti għall-Kapitolu 74 tan-Nomenklatura ta' l-Attivitajiet Ekonomiċi tal-Komunitajiet Ewropej (NACE) xorta m'humiex se jipprovdu d-dettalji meħtieġa biex jiġbru data sinifikattiva dwar is-servizzi lin-negozju.

3. Kummenti ġenerali

3.1 *Sfond.* L-opinjoni fuq inizjattiva proprja tal-KESE adottata f'Settembru 2006 — CCMI/035 — ipproponiet li għandha tingħata attenzjoni iktar serja lis-servizzi lin-negozju minħabba l-kontribut li jagħtu lill-andament ta' l-industriji Ewropej tal-manifattura. Din spjegat l-interazzjoni bejn is-servizzi u l-manifattura u l-impatti fuq l-andament soċjali u ekonomika f'termini ta' impjeggi, produttività u kompetittività. Dik l-opinjoni kienet il-punt tat-tluq għal din l-opinjoni, li tibni fuq dik preċedenti u tagħmel analiżi aktar bir-reqqa tas-servizzi lin-negozju. Ikon għaqli li din l-opinjoni tibda billa tiddefinixxi s-servizzi lin-negozju bħala sensjela ta' attivitajiet marbuta mas-servizzi li — permezz ta' l-użu tagħhom bħala kontributi intermedji — jaffettwaw il-kwalità u l-effiċjenza ta' l-attivitajiet tal-produzzjoni, billi jikkomplementaw jew jissostitwixxu l-funzjonijiet tas-servizzi interni tan-negozju. (Rubalcaba u Kox, 2007). Hemm ċerti analoġiji bejn din id-definizzjoni u n-NACE rev. 1 (kodiċi 72-74) u l-verżjoni l-ġdida tan-NACE (kodiċi 69-74, 77-78, 80-82) u l-aggregazzjoni tad-diversi kategoriji tas-servizzi. Hemm żewġ kategoriji ewlenin fi ħdan is-servizzi lin-negozju:

- Is-servizzi lin-negozju li jiffukaw fuq l-għarfien (eż. is-servizzi ta' l-informatika, il-konsulenza dwar il-ġestjoni, il-kontabilità, il-konsulenza fiskali u legali, il-marketing u l-istħarriġ, is-servizzi tekniċi u l-inġinerija, is-servizzi għall-persunal u t-taħriġ professjonali u r-reklutaġġ)
- Is-servizzi ta' operazzjoni (eż. is-servizzi tas-sigurtà, is-servizzi tat-tindif, l-amministrazzjoni u ż-żamma tal-kotba, ir-reklutaġġ ta' impjegati temporanji, il-call centres, it-traduzzjoni u l-interpretazzjoni).

L-għan ta' din l-opinjoni huwa li tgħin biex is-settur ikun aktar rikonoxxut, biex tgħinu jiżviluppa bla tfixkil u biex tgħin lill-ekonomija Ewropej isiru aktar kompetittivi fis-suq dinji.

3.2 *L-importanza tas-servizzi u s-servizzi lin-negozju.* Is-servizzi jokkupaw pożizzjoni li kulma jmur qed issir dejjem aktar importanti f'għajnejn iċ-ċittadini, il-professjonisti, il-kumpaniji, ir-reġjuni u l-pajjiżi. Fil-biċċa l-kbira, is-servizzi jiddominaw id-domandi u l-provvisti l-ġodda tas-sistemi soċjali u ekonomiċi. Għalkemm is-servizzi huma preżenti fil-parti l-kbira ta' l-aspetti tal-ħajja ekonomika u soċjali, bosta minnhom m'humiex reġistrati fl-istatistika. Il-mod kif tradizzjonalment jinqassmu s-setturi produttivi, anke jekk mhux komplut u jaħbi l-interrelazzjonijiet qawwija fost is-settur ekonomiku, jippermettilna nistmaw l-importanza ta' l-attivitajiet ekonomiċi ewlenija. Is-servizzi bħala settur ekonomiku qed jikbru fl-importanza tagħhom fl-Ewropa, fejn għandhom sehem iżgħar (70 %) fl-impjeg totali milli fl-Istati Uniti (80 %) u ikbar milli fil-Ġappun (67 %). F'dawn it-tliet oqsma, is-subsettur partikulari tas-servizzi lin-negozju kiber b'pass tassew dinamiku li wassal għal żidiet simili fis-sehem ta' l-impjeg totali (10-12 %). L-intrapriżi li l-attività prinċipali tagħhom hija li jipprovdu s-servizzi lin-negozju jirrappreżentaw 10-12 % ta' l-impjeg totali u tal-valur miżjud. Jekk wieħed iqis is-servizzi lin-negozju pprovdu bħala attività sekondarja, il-percentage ta' l-impjeg ikun ferm ikbar. Fir-rigward ta' l-Ewropa, fl-2004, il-pajjiżi li kienu quddiemnett ta' l-ekonomija tas-servizzi lin-negozju kienu l-pajjiżi tal-Benelux, ir-Renju Unit, Franza u l-Ġermanja. Fil-perijodu 1995-2004, xi pajjiżi — l-Ungerija, il-Polonja, l-Awstrija, il-Latvja u Malta fost oħrajn — żiedu s-settur tas-servizzi lin-negozju tagħhom b'mod pjuttost sostanzjali. Dan jissuġġerixxi ċertu proċess ta' konverġenza bejn il-pajjiżi ta' l-UE. Il-pożizzjonijiet ta' dawn il-pajjiżi jirrappreżentaw biss impjeg f'kumpaniji li l-attività ewlenija tagħhom hija l-provvista ta' servizzi lin-negozju. Ħafna minn dawn il-kumpaniji huma SMEs.

3.3 *Evalwazzjoni ta' l-iżviluppi.* Il-KESE issa reġa' evalwa s-sitwazzjoni fid-dawl ta' l-iżviluppi li saru minn mindu tħejjiet l-opinjoni preċedenti tiegħu f'Settembru 2006 (CCMI/035) u nnota b'sodisfazzjon kif fid-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, qed tiġi kkunsidrata aktar l-importanza tas-servizzi lin-negozju fil-qasam tal-manifattura:

- Il-Komunikazzjoni "Reviżjoni tal-politika industrijali ta' nofs it-terminu — Kontribut lejn l-Istrateġija ta' l-UE għat-Tkab-bir u x-Xogħlijiet" ⁽²⁾, li ħarġet wara l-opinjoni tal-KESE, imsemmija hawn fuq, tipproponi azzjoni dwar l-analiżi ta' l-iskrining u l-kompetittività tas-setturi tas-servizzi u l-impatt tagħhom fuq il-kompetittività industrijali. F'każ ta' bżonn, għandu jsir iktar monitoraġġ settorjali. Ir-riżultat ikun l-identifikazzjoni ta' l-ostakli kollha għat-titjib fil-kompetittività u

⁽²⁾ COM(2007) 374, 4.7.2007.

l-eliminazzjoni tal-possibbiltà li ċerti swieq ifallu li jistgħu jiġġustifikaw azzjonijiet biex jindirizzaw problemi speċifiċi fis-setturi industrijali u/jew tas-servizzi. Din l-analiżi profonda mill-Kummissjoni Ewropea se tittwettaq din is-sena u għandha tipproduċi riżultati lejn tmiem is-sena.

- Il-pubblikazzjoni f'Lulju 2007 tad-dokument ta' ħidma ta' l-istaff tal-Kummissjoni "Lejn strateġija Ewropea b'appoġġ għall-innovazzjoni fis-settur tas-servizzi: Sfidi u kwistjonijiet prinċipali għal azzjonijiet futuri (Towards a European strategy in support of Innovation in services: Challenges and key issues for future actions)" ⁽³⁾; it-twaqqif ta' pjattaforma Ewropea għas-servizzi marbuta man-negozju fi Frar 2008; u l-Komunikazzjoni li jmiss dwar l-innovazzjoni fil-qasam tas-servizzi (mistennija lejn tmiem l-2008) jistgħu jikkostitwixxu pass importanti lejn integrazzjoni ġenwina tas-servizzi fil-politiki ta' l-UE dwar l-innovazzjoni.
 - L-adozzjoni tad-direttiva dwar is-servizzi fis-suq intern ⁽⁴⁾, li għandha tiġi implimentata mhux iktar tard mit-28 ta' Diċembru 2009 se tikkostitwixxi punt ta' bidla deċiżiva fil-kisba ta' suq ġenwin għas-servizzi, bil-kundizzjoni li d-dispożizzjonijiet tad-direttiva jkunu trasposti fil-leġislazzjoni nazzjonali ta' l-Istati Membri u billi jiġi assigurat li l-liġi tax-xogħol u l-ftehimiet kollettivi applikabbli ikunu daww tal-pajjiżi fejn ikun qed jiġi pprovdut is-servizz. Kemm in-negozji kif ukoll il-konsumaturi jkunu jistgħu jisfruttaw l-opportunitajiet li toffri din id-direttiva. Dan għandu wkoll jinkuraġġixxi s-suq tas-servizzi lin-negozju biex jiffunzjona billi jiffaċilita l-kummerċ u l-investment bejn il-pajjiżi ta' l-UE u jiftaħ opportunitajiet ġodda għall-kumpaniji tal-manifattura biex jagħżlu numru akbar ta' servizzi, u servizzi li jkunu aħjar u orħos. Vantaġġi ġodda kompetittivi fl-użu tas-servizzi lin-negozju għandhom iwasslu għal iktar impjegji, produttività mtejbja u andament ekonomiku msaħħaħ.
- 3.4 *Azzjonijiet li jipprovdu appoġġ għall-benefiċċju tas-servizzi lin-negozju.* Minbarra l-azzjonijiet ewlenin ta' l-UE li għaddejjin bħallissa biex jippromovu s-servizzi lin-negozju fil-politiki industrijali u ta' innovazzjoni u l-ispillovers potenzjali ġenerati mid-direttiva dwar is-suq intern, hemm azzjonijiet oħra tal-Kummissjoni li b'mod indirett jappoġġjaw ir-rwol tas-servizzi lin-negozju fil-manifattura:
- L-Eurostat issa implimentat reviżjoni tal-klassifika tan-NACE biex tiġbor iktar data dwar is-servizzi.
 - L-"Enterprise Europe Network", netwerk Ewropew għall-promozzjoni ta' l-intraprenditorija u t-tkabbir ta' intrapriżi fl-UE twaqqaf billi integra n-netwerks ta' l-Euro info Centre u ta' l-Innovation relay Centre, u b'hekk l-intraprenditori kellhom iktar minn 500 punt ta' kuntatt għad-dispożizzjoni tagħhom ⁽⁵⁾. Dan għandu jkun ta' għajjnuna għall-SMEs u għalhekk għall-biċċa l-kbira ta' daww li jipprovdu s-servizzi lin-negozju.
 - Il-Kummissjoni Ewropea ilha mill-2005 toħroġ proposti għas-semplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-burokrazija. L-aħħar proposti, li ħarġu fl-2008, huma dwar it-tnaqqis aċċellerat

ta' din il-burokrazija ⁽⁶⁾. Din hija aħbar tajba għall-SMEs li minħabba ċ-ċokon tagħhom iħossu aktar il-piżijiet amministrattivi konsiderevoli li jkollhom jiffaċċjaw.

- Id-dokument tal-Kummissjoni "Lejn Prinċipji Komuni ta' Flessigurtà: Aktar impjegji u impjegji aħjar permezz tal-flessibbiltà u s-sigurtà" ⁽⁷⁾ ġie diskuss, u sar progress fil-qafas tad-djalogu soċjali ta' l-imsieħba soċjali. Dan għandu jiffaċilita l-implimentazzjoni fl-Ewropa kollha tal-kunċett, b'aġġustamenti skond iċ-ċirkustanzi differenti f'kull Stat Membru. Fis-servizzi lin-negozju dinamiċi, il-flessigurtà negozjata mill-imsieħba soċjali tista' tkun utli meta jiġu promossi fl-istess żmien il-kwantità u l-kwalità ta' l-impjegji. Biex l-UE tkun tista' tirreaġġixxi b'mod sodisfaċenti għall-pressjonijiet tal-globalizzazzjoni, hemm bżonn li l-imsieħba soċjali jiġu involuti.
- It-tnedija tad-dokument tal-Kummissjoni "Lejn aktar kontribuzzjoni min-naħa ta' l-istandardizzazzjoni għall-innovazzjoni fl-Ewropa" ⁽⁸⁾ li, fost inizjattivi oħra, jippromovi l-aċċellerazzjoni tal-kooperazzjoni mill-industrija u investituri oħra fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-użu ta' standards li jappoġġjaw l-innovazzjoni fir-rigward ta' politika industrijali sostenibbli.

3.5 *Bżonnijiet prinċipali tas-settur tas-servizzi lin-negozju.* Minkejja l-progress attwali fit-tnedija ta' azzjonijiet relatati mas-servizzi, għad iridu jiġu kkunsidrati għadd ta' nuqqasijiet u ħtiġijiet importanti. L-istruttura tal-politika Ewropea attwali hija preġudikata bil-kbir lejn l-industrija tal-manifattura għalkemm is-servizzi jikkostitwixxu l-ikbar parti ta' l-ekonomija u jikkontribwixxu għat-tkabbir fi kwalunkwe aspett tan-negozju u tal-ħajja soċjali.

3.5.1 Il-biċċa l-kbira ta' l-inizjattivi orizzontali u settorjali stipulati fil-politika industrijali ta' l-UE kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell ta' l-UE jiffukaw fuq l-industrija tal-manifattura minkejja r-rwol intrinsiku ta' appoġġ li jaqdu s-servizzi lin-negozju li jagħmlu parti minnu. Għalhekk hemm bżonn urġenti li tiġi stabbilita politika ta' l-UE bilanċjata li ma tissottovalutax l-importanza tas-servizzi lin-negozju għall-kompetittività globali tal-manifattura Ewropea nnifisha u għall-ekonomija kollha kemm hi. Kwalunkwe politika orizzontali mmirata lejn kwalunkwe settur ekonomiku trid tkun tassew orizzontali u tissodisfa l-bżonnijiet ta' l-intrapriżi u l-ħaddiema fl-ekonomija l-ġdida tas-servizzi, fejn is-setturi industrijali u tas-servizzi huma marbuta strettament, billi jinħolqu opportunitajiet ġodda għall-ekonomija Ewropea fis-suq globali bħala riżultat dirett tas-sinerġiji bejniethom. Ħafna mill-inizjattivi ta' politika ta' l-UE li flimkien isawru l-politika industrijali għandhom jiġu adattati u applikati għas-servizzi. Dan jinvolvi kwistjonijiet bħal per eżempju: suq intern għas-servizzi li jkun kompletament effettiv, il-kummerċ internazzjonali, ir-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat, is-suq tax-xogħol, il-miżuri soċjali, il-politika ta' taħriġ u l-politika

⁽³⁾ SEC(2007) 1059, 27.7.2007 (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽⁴⁾ Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12.12.2006.

⁽⁵⁾ Stqarrija għall-istampa IP/08/192, 7.2.2008.

⁽⁶⁾ Memo/08/12, 10.3.2008.

⁽⁷⁾ COM(2007) 359 finali.

⁽⁸⁾ COM(2008) 133 finali, 11.3.2008.

reġjonali, ir-riċerka u l-iżvilupp, l-innovazzjoni, l-istandardizzazzjoni, l-intraprenditorija u l-istatistika u l-informazzjoni aħjar; fejn xieraq, għandhom jitqiesu l-bżonnijiet speċifiċi tas-servizzi. Dan m'għandux ifisser li l-politiki kollha għandhom ikunu vertikali u speċifiċi għas-servizzi, iżda li l-implikazzjonijiet ta' dawn il-politiki kollha fis-servizzi jridu jkunu skrinjati u, meta jkun meħtieġ, għandha tittieħed l-azzjoni.

3.5.2 Fl-oqsma li ġejjin, ġew identifikati ħtiġijiet importanti:

- *Servizzi lin-negozju fil-politiki industrijali.* Wara l-inklużjoni reċenti tas-servizzi lin-negozju u waqt li għaddej l-eżerċizzju ta' l-iskrining, għandha tingħata aktar attenzjoni lill-kundizzjonijiet speċifiċi li fihom l-użu tas-servizzi favur l-andament ta' l-industrija, per eżempju, ir-rwol tas-servizzi għall-kompetittività u l-produttività industrijali minn perspettiva ekonomika. Biex tiffaċċja l-kompetizzjoni globali l-Ewropa trid tinvesti fl-innovazzjoni, it-tagħrif, l-ippjanar, il-loġistika, il-marketing u s-servizzi oħrajn lin-negozju — fi kliem ieħor, il-katina ta' valur dinjija kollha kemm hi.
- *Servizzi lin-negozju fil-politiki ta' l-impjiegi u t-taħriġ.* Il-parti l-kbira ta' l-impjiegi huma marbuta mal-provvista tas-servizzi u din is-sitwazzjoni mhux ser tinbidel. (Dawk responsabbli mit-tfassil tal-politika m'għandhomx jinsew li 20 % tad-dħul intermedju ta' l-industrija tal-manifattura jiġu mis-servizzi). Għalhekk, l-impatt potenzjali ta' global sourcing/off-shoring fl-impjiegi marbuta mas-servizzi (sa 30 % skond l-istudju ta' l-2006 ta' l-OECD) iġiegħel lill-Istati Membri jsaħħu l-kompetenzi u l-kwalifiki adattati li jippermettu lill-industrija tagħhom tiffaċċja l-kompetizzjoni globali.
- *Servizzi lin-negozju fil-politika ta' l-innovazzjoni u l-produttività.* Il-promozzjoni ta' innovazzjoni ta' servizz hija essenzjali biex tissaħħaħ il-kompetittività industrijali permezz ta' fatturi ta' kwalità. L-innovazzjoni tas-servizzi għandha impatt kbir u pożittiv fuq il-kwalità, l-impjiegi u l-interazzjoni mal-klijenti. Fl-istess ħin, is-servizzi lin-negozju jistgħu joffru impjiegi ta' kwalità għolja mwettqa f'kundizzjonijiet tax-xogħol tajba u ambjent li jiffoka fuq l-għarfien; f'dawn il-każi, il-ħaddiema jagħtu l-kontribut tagħhom biex l-innovazzjoni tas-servizzi tkun possibbli u tirnexxi. Din l-innovazzjoni tista' tippermetti lin-negozju biex jikkompeti minn pożizzjoni aħjar, u lill-ħaddiema tippermettilhom jiżviluppaw opportunitajiet ta' xogħol ġodda. Il-benefiċċji ta' l-innovazzjoni tas-servizzi għandhom ikunu mmirati biex ikunu kapaċi jindirizzaw ir-rati tat-tkabbir tal-produttività staġnati fis-servizzi lin-negozju li għadhom dominanti fil-parti l-kbira tal-pajjiżi, anke jekk il-problemi ta' kejl statistiku ma jevalwawx korrettament il-kontribut tas-servizzi lin-negozju għall-qligħ tal-produttività totali.
- *Servizzi lin-negozju u s-suq intern.* Il-biċċa xogħol hi li jinħoloq suq Ewropew għas-servizzi, li jippermetti li l-UE jkollha rwol deċiżiv fil-proċess tal-globalizzazzjoni billi tikkunsidra l-kundizzjonijiet kollha li jinfluwenzaw is-swieq u l-kompetittività. Jinħtieġ segwitu partikulari tat-traspożizzjoni tad-Direttiva tas-Servizzi lill-Istati Membri u impatti fuq is-servizzi tan-negozju.
- *Servizzi lin-negozju u r-reġjuni.* Bosta reġjuni jista' jkollhom ftit li xejn kapaċitajiet ta' servizzi lin-negozju billi dawn għand-

hom tendenza jikkonċentraw f'żoni reġjonali kbar metropolitani u ta' dħul għoli. Fl-livell reġjonali huwa importanti li jiġu promossi kemm id-domanda kif ukoll il-provvista tas-servizzi lin-negozju u li jiġu utilizzati r-riżorsi kollha tan-netwerks eżistenti li huma kapaċi jżidu s-sinerġiji fost id-diversi atturi lokali.

- *Servizzi lin-negozju u politiki oħra relatati.* Hemm żewġ tipi ta' politiki relatati mas-servizzi lin-negozju: politiki li huma prinċipalment regolatorji (is-suq intern, il-kompetizzjoni, ir-regolamentazzjoni aħjar, l-akkwist pubbliku) u politiki li huma prinċipalment mhux regolatorji (l-innovazzjoni, il-kompetenzi, il-kwalità u l-impjiegi, l-istandards, l-intrapriżi u l-SMEs, il-politika reġjonali, it-tagħrif u l-istatistika). Għandha tingħata attenzjoni partikulari lir-rwol ta' l-istandards, id-dixxiplina l-ġdida tax-Xjenza tas-Servizzi u l-istatistika.

3.6 *Interazzjoni bejn l-attivitajiet marbuta mas-servizzi lin-negozju u l-politiki mmirati.* L-esperjenza turi kif azzjonijiet komprensivi tentattivi jistgħu jinteraġixxu u jippermettu lis-servizzi lin-negozju jiżviluppaw b'mod vigoruż ħalli jiffaċċjaw l-isfidi tal-ġejjieni. Jinħtieġ li jiġu kkunsidrati s-sinerġiji u l-interazzjoni bejn it-tipi differenti ta' politika.

3.7 *Tinħtieġ loġika ekonomika fit-tfassil ta' politiki speċifiċi ta' l-UE,* biex tingħata spinta lill-operazzjonijiet marbuta mas-servizzi lin-negozju, kif urew reċentement Kox u Rubalcaba (*Business services in European Economic Growth*, 2007). L-argumenti tagħhom sejsuhom prinċipalment fuq il-fallimenti tas-suq u fallimenti sistemiċi bħall-assimetrija ta' l-informazzjoni u l-esternalitajiet.

3.8 *Aġenda ta' Lisbona 2008-2010.* Il-politiki relatati mas-servizzi lin-negozju jistgħu jkunu ta' għajjnuna fil-kuntest tal-proposti għall-Programm Komunitarju ta' Lisbona 2008-2010 (COM(2007) 804 finali). Il-biċċa l-kbira ta' l-għaxar objettivi ewlenin li jridu jitwettqu sa l-2010 jaffettwaw lis-servizzi b'mod dirett jew indirett.

3.8.1 Il-Kummissjoni se tipproponi **Aġenda Soċjali** mġedda sa nofs l-2008 u se tgħin biex tindirizza n-nuqqas ta' kompetenzi. Jistgħu jkunu identifikati għadd ta' defiċits u bżonnijiet importanti fil-biċċa l-kbira tas-servizzi lin-negozju, li jiddependu ħafna mill-forza tax-xogħol (labour intensive). Fl-opinjoni tiegħu dwar "L-impjeg tal-kategoriji ta' prijorità (l-istrateġija ta' Lisbona)" ⁽⁹⁾, il-KESE nnota li l-objettivi ambizzjużi ta' l-istrateġija ta' Lisbona fir-rigward ta' l-impjiegi ntlaħqu biss sa ċertu punt u nnota li ħafna mill-impjiegi l-ġodda maħluqa tul dawn l-aħħar snin, b'mod partikulari fil-każ tad-nisa, kienu part-time. Ħaddiema li huma ikbar fl-età għadhom jiffaċċjaw il-problema ta' nuqqas ovvju ta' postijiet tax-xogħol battala xierqa, u ż-żgħażaġh b'mod partikulari kienu fil-biċċa l-kbira qeġhdin isibu forom atipiċi (mhux standard) ta' impjeg, f'xi każi mingħajr assigurazzjoni legali u soċjali adegwata. Opportunitajiet ta' integrazzjoni tas-suq tax-xogħol għal gruppi żvantaġġati u soċjalment marġinalizzati għadhom neqsin. L-opinjoni tal-KESE saħqet li fil-kuntest ta' flessigurtà għandu jkun hemm livell għoli ta' sigurtà soċjali, politika tas-suq tax-xogħol attiva, u edukazzjoni, edukazzjoni addizzjonali u taħriġ.

⁽⁹⁾ ĠU C 256, 27.10.2007, p. 93 (SOC/251).

3.8.2 Fl-ewwel xhur tas-sena, il-Kummissjoni għamlet għadd ta' **proposti għal politika komuni dwar l-immigrazzjoni**. Dan jista' jaffettwa l-immigrazzjoni ta' ħaddiema bi kwalifiki għoljin foqgħa bħas-servizzi lin-negozju li jiffukaw fuq l-għarfien, u l-ħaddiema inqas kwalifikati fattivitajiet bħas-servizzi tat-tindif jew tas-sigurtà.

3.8.3 Il-Komunità se tadotta **Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar** biex tilliberalizza l-potenzjal għat-tkabbir ta' l-SMEs matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom. Is-servizzi lin-negozju jirrappreżentaw is-settur bl-ogħla rati ta' start-ups u wind-ups, għaldaqstant, għandha tingħata attenzjoni partikulari lill-SMEs il-ġodda. Fl-opinjoni tiegħu "Il-potenzjal ta' l-intrapriża, speċjalment ta' l-SMEs (l-istrateġija ta' Lisbona)" ⁽¹⁰⁾, il-KESE jħeġġeġ linji ta' gwida mmirati, magħżula u integrati aħjar, għall-SMEs għat-tkabbir u l-impjeggi għas-snin 2008-10. L-SMEs jibbenefikaw ukoll mill-fatt li l-piż amministrattiv ta' l-UE se jonqos b'25 % sa l-2012.

3.8.4 Il-Komunità se **ssaħħaħ is-suq uniku u żżid il-kompetizzjoni fis-servizzi**. L-istess opinjoni tal-KESE (INT/324, ikkwotata hawn fuq) tilmenta minn suq uniku mhux komplut, b'mod speċjali l-implimentazzjoni bil-mod tad-direttivi mill-Istati Membri, il-piżijiet amministrattivi, u n-nuqqas ta' mobilità tax-xogħol. Dawn jirrappreżentaw ostakli enormi għall-SMEs, li mhux faċli jingħelbu.

3.8.5 Il-Komunità se tagħmel mod li l-**ħames libertà** (il-moviment liberu tat-tagħrif) issir realtà u toħloq Żona ta' Riċerka Ewropea ġenwina. Is-servizzi lin-negozju li jiffukaw fuq l-għarfien jista' jkollhom rwol x'jaqdu f'din il-prijorità marbuta ma' l-istrateġija ta' Lisbona.

3.8.6 Il-Komunità se ttejjeb il-**kundizzjonijiet qafas għall-innovazzjoni**. Il-KESE ħejja wkoll opinjoni dwar "L-Investment u l-Innovazzjoni" ⁽¹¹⁾. L-argument prinċipali ta' din l-opinjoni huwa li l-Ewropa trid tibqa' fuq quddiem fir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-innovazzjoni, u li jinħtieġu iktar fondi mill-baġit ta' l-UE, it-titjib tal-faċilitajiet edukattivi u standards aktar għoljin b'mod ġenerali. Jinħtieġu wkoll: klima soċjali li hija miftuħa għall-progress u l-innovazzjoni; il-ħolqien tal-kundizzjonijiet meħtieġa u t-tehdid ta' deċizzjonijiet li jagħtu biżżejjed kunfidenza tan-negozju u ottimiżmu lill-investituri biex jinvestu l-kapital tagħhom f'intrapriżi ġodda fl-Ewropa; li jqanqlu għarfien tas-sinifikat fundamentali ta' riċerka bażika u li jnisslu spirtu ta' intraprenditorija għal dawk li huma lesti li jinvestu fl-innovazzjoni u jieħdu r-riskji; u li jaċċettaw ċertu nuqqas ta' suċċess u telf li b'mod inevitabbli jgħib miegħu r-riskju. Il-KESE ħares ukoll lejn l-ambjent legali u soċjali għal intraprenditorija innovattiva u għal suq li jħeġġeġ l-innovazzjoni.

3.8.7 Il-Komunità se tippromovi **politika industrijali** ingranata lejn produzzjoni u konsum iktar sostenibbli. Ir-rwol tas-servizzi fil-politika industrijali jista' jitqiegħed taħt din il-prijorità.

3.8.8 Il-Komunità se tinnegozja b'mod bilaterali ma' msieħba ewlenin fil-kummerċ biex tiftaħ **opportunitajiet ġodda għall-**

kummerċ u l-investment internazzjonali, u toħloq spazju komuni ta' dispożizzjonijiet u standards regulatorji.

4. Prijorità ta' azzjonijiet favur is-servizzi lin-negozju

Jinħtieġ li l-azzjonijiet jingħataw ordni ta' priyorità minħabba li l-kamp tas-servizzi lin-negozju jinvolti qasam wiesa' ta' politika. Fl-opinjoni tal-KESE, il-prijoritajiet għandhom ikunu dawn li ġejjin:

4.1 **L-ewwel priyorità:** Il-Kummissjoni Ewropea għandha toħloq Grupp ta' Livell Għoli dwar is-servizzi lin-negozju, fil-kuntest tal-politika ta' l-intrapriża u l-industrija biex jiġi assigurat li l-miżuri politiki jikkunsidraw is-servizzi mil-lat ta' l-interazzjoni tagħhom ma' l-industrija u l-attività ekonomika kollha kemm hi. L-objettivi prinċipali ta' dan il-Grupp ta' Livell Għoli jistgħu jkunu dawn li ġejjin:

- analiżi profonda tal-bżonnijiet tas-servizzi lin-negozju, li jinkludu l-bżonnijiet tas-subsetturi differenti u varjati ħafna fis-servizzi lin-negozju;
 - politiki eżistenti ta' l-iskrining li jaffettwaw lis-servizzi lin-negozju u l-ippjanar ta' azzjonijiet ta' politika konkreti fil-livell adattat (reġjonali, nazzjonali jew ta' l-UE);
 - rakkomandazzjoni ta' objettivi strateġiċi li jridu jinkisbu fin-negozjati tad-WTO dwar il-GATS, b'enfasi fuq il-miżuri meħtieġa, b'tali mod li l-SMEs fis-servizzi jkunu jistgħu jespportaw;
 - identifikazzjoni u r-raggruppament ta' investituri tal-politika foqgħa fejn ir-rappreżentazzjoni hija limitata sewwa u frammentata;
 - twaqqif ta' Osservatorju Ewropew tas-servizzi lin-negozju biex jimmonitorja r-riżultati ta' miżuri implimentati minn azzjonijiet tal-politika ta' l-UE; u biex jagħti pubbliċità lill-aħjar prattiki. L-Osservatorju għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-KESE, tat-trejdunjin, ta' l-assoċjazzjonijiet tan-negozju u ta' l-esperti tas-servizzi lin-negozju.
- 4.2 **It-tieni priyorità:** Djalogu soċjali dedikat b'mod speċifiku għas-settur tas-servizzi lin-negozju għandu jkun inkuraġġut biex jiddiskuti u jifformula rakkomandazzjonijiet dwar:
- opportunitajiet ġodda ta' impjeg;
 - tagħlim tul il-ħajja;
 - sfidi ta' l-esternalizzazzjoni u l-off-shoring;
 - identifikazzjoni ta' nuqqas ta' kompetenzi;
 - xogħol part-time u teleworking;
 - il-każ ta' flessigurtà fis-servizzi lin-negozju (Dan is-suġġett diġà ġie ttrattat b'mod ġenerali mill-KESE f'opinjoni reċenti — SOC/283);
 - nuqqas ta' persunal fil-KIBS u r-rwol ta' l-immigrazzjoni; u
 - mobilità.

⁽¹⁰⁾ ĠU C 256, 27.10.2007, p. 8 (INT/324).

⁽¹¹⁾ ĠU C 256, 27.10.2007, p. 17 (INT/325).

Fil-prattika, il-fattibilità u l-effettività ta' djalogu soċjali settorjali bħal dan (li jinkludi r-rikonoxximent ta' l-organizzazzjonijiet u l-appoġġ organizzattiv) ser jiddependu b'mod partikulari minn kemm jirrikonoxxuh ir-rappreżentanti ta' l-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema u ta' min iħaddem.

4.3 It-tielet prijorità: ir-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni fil-qasam tas-servizzi:

- l-analiżi ta' modi ta' innovazzjoni fil-qasam tas-servizzi lin-negozju u l-impatti tagħhom fuq il-produttività u t-kabbir soċjali u ekonomiku;
- ir-rwol tal-KIBS fl-iżvilupp ta' l-innovazzjoni fil-qasam tas-servizzi;
- ir-relazzjoni bejn l-iżvilupp ta' l-ICT u l-innovazzjoni fil-qasam tas-servizzi;
- l-iskrining ta' programmi tar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni biex jevalwaw il-pożizzjoni tas-servizzi lin-negozju;
- l-applikazzjoni ta' tekniki ta' manifattura intiżi biex jiproduċu bl-użu ta' l-inqas riżorsi possibbli (lean manufacturing techniques) għas-servizzi;
- ir-rwol ta' l-innovazzjoni tas-servizzi u azzjonijiet oħra ta' politika potenzjali għas-servizzi ffukati fuq l-għarfien fl-ivell reġjonali. L-użu ta' politika ta' l-innovazzjoni biex tippromovi d-domanda u l-provvista ta' servizzi lin-negozju.

4.4 Ir-raba' prijorità: L-iżvilupp ta' standards. L-istandards fis-servizzi, li ġeneralment jiġu ġġenerati mid-domanda, żviluppaw bil-mod. Fuq in-naħa ta' min jipprovdi s-servizzi lin-negozju jeżistu problemi strutturali. Fil-biċċa l-kbira tagħhom dawn huma intrapriżi żgħar li ma jappartjenu lil organizzazzjonijiet rappreżentattivi f'pajjiżhom u dan huwa wkoll rifless fil-livell Ewropew, fejn il-kategorija mhix rappreżentata tajjeb fi kwalunkwe organizzazzjoni Ewropea. Għalhekk, l-uniku mod biex tittejjeb is-sitwazzjoni hija li l-utenti jiġu mobilizzati biex jesprimu l-ħtiġijiet tagħhom. Is-suq tas-servizzi lin-negozju għandu x'jibbenefika bil-kbir jekk jiġu żviluppati standards ċari f'dan il-qasam. L-iżvilupp ta' l-istandards jista' jkun utli biex:

- jissupplementa jew anke jissostitwixxi r-regolamentazzjoni;
- itejjeb il-kwalità u jstimula l-kompetizzjoni;
- jgħin fit-tnaqqis ta' l-informazzjoni assimetrika, għall-benefiċċju kemm tal-provveditur kif ukoll ta' l-utent, f'suq li huwa nieqes mit-trasparenza;
- jassigura element ta' tqabbil meta l-utent ikun iffaċċjat b'offerta differenti u jkollu bżonn jieħu deċizzjoni;
- ixerred fuq skala ikbar il-frott tal-programmi tar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni, u b'hekk tiġi inkuraġġuta l-innovazzjoni biex tiżdied il-kwalità tas-servizzi;
- inaqqas it-tilwim permezz ta' kjarifika tad-drittijiet u l-obbligi ta' dawk li jipprovdu s-servizzi u l-utenti;
- jevita l-konflitti soċjali billi l-provvedituri tas-servizzi u l-utenti jirrispettaw il-liġi tax-xogħol u l-ftehimiet kollettivi applikabbli, u f'każ ta' bżonn, permezz ta' negozjati kollettivi fil-livell xieraq;

— jiffaċilita ċerti ekonomiji ta' skala minn kumpaniji żgħar li jipprovdu servizzi simili fl-Istati Membri differenti ta' l-UE u b'hekk iħejju t-triq biex jitnaqqsu l-ostakli għall-integrazzjoni tas-suq;

— jiżviluppa settur ta' esportazzjoni b'saħtu u jipprovdi assistenza fil-qasam ta' l-offerti pubbliċi u s-sotto-kuntrattar tas-servizzi.

4.5 Il-ħames prijorità: Iktar titjib fl-istatistika dwar is-servizzi lin-negozju. Azzjonijiet ta' politika jiddependu fuq analiżi dwar tendenzi attwali li jistgħu jitkejju biss minn statistika ċara u sinifikattiva. In-nuqqas ta' żidiet ta' produttività sodisfaċenti meta mqabbla ma' l-Istati Uniti jista' jkun dovut għal statistika mhux ta' min jorbot fuqha li hija bbażata fuq metodoloġija użata biex jiġi analizzat l-andament tal-manifattura. Il-ġbir ta' statistika iktar irfinata dwar is-servizzi lin-negozju jitolb mhux biss deċizzjoni mill-Eurostat, imma wkoll kollaborazzjoni mill-gvernijiet nazzjonali biex jibdlu l-metodi tagħhom ta' kif jiġbru l-istatistika. Għandha tingħata attenzjoni partikulari lill-analiżi tar-rwol tas-servizzi lin-negozju f'setturi oħra industrijali u tas-servizzi.

4.6 Is-sitt prijorità: Xjenza tas-servizzi

Ix-xjenza tas-servizzi (jew Xjenza tas-Servizzi, Immaniġġjar u Inġinerija, SSME) hija dixxiplina li ġdida li qiegħda tinħoloq u li tkopri l-approċċi diversi u frammentati lejn is-servizzi: is-servizzi ekonomiċi, is-servizzi ta' l-immaniġġjar, is-servizzi tal-kummerċjalizzazzjoni u s-servizzi ta' l-inġinerija, fost oħrajn. Ir-riċerkaturi u n-negozji tas-servizzi qegħdin jagħrfu l-bżonn ta' promozzjoni u integrazzjoni aħjar f'dawn l-oqsma kollha. L-inġinerija tas-servizz hija eżempju tajjeb tal-qasam tax-xjenza tas-servizzi. Din hija dixxiplina teknika speċifika kkonċernata bl-iżvilupp u l-ippjanar sistematiku ta' prodotti tas-servizz li jużaw mudelli, metodi u għodod xierqa. Għalkemm l-inġinerija tas-servizz tħaddan ukoll aspetti ta' immaniġġjar ta' operazzjonijiet tas-servizz, wieħed mill-punti fokali ewlenin tagħha huwa l-iżvilupp ta' prodotti tas-servizz ġodda. Fl-istess ħin l-inġinerija tas-servizz hija wkoll ikkonċernata bl-ippjanar ta' sistemi ta' żvilupp, fi kliem ieħor ma' kwistjonijiet marbuta mas-servizz ta' mmaniġġjar tar-riċerka u l-iżvilupp ġenerali u l-innovazzjoni. Approċċi integrati għall-oġġetti fiżiċi ta' ko-inġinerija, software u servizzi jsiru karatteristika stabbilita.

Riċerka radikali biex jinstabu mudelli, metodi u għodod ġodda tan-negozju ser tagħti spinta prezzjuża lix-xjenza tas-servizzi. Fl-aħħarnett, l-armonizzazzjoni li qed tiżdied ta' l-istandards tas-servizzi tinkuraġġixxi l-ispeċifikazzjoni u l-iżvilupp effiċjenti ta' servizzi ġodda ⁽¹²⁾.

L-inġinerija tas-servizz hija waħda mill-ftit oqsma fis-settur tas-servizzi li kienet iffurmata b'mod sostanzjali mir-riċerka Ewropea. Integrazzjoni iktar stretta fis-sistemi internazzjonali u l-iżvilupp sistematiku ta' komunità ta' inġinerija tas-servizzi indipendenti huma essenzjali sabiex isostnu rwol ta' tmexxija f'dan il-qasam fil-futur ⁽¹³⁾.

⁽¹²⁾ Inġinerija tas-servizz –żvilupp metodiku ta' prodotti tas-servizz ġodda, ta' Hans-Jorg Bullinger, Klaus-Peter Fahrnich, Thomas Meiren.

⁽¹³⁾ Thomas Meiren, Fraunhofer Institute for Industrial Engineering, Stuttgart, Il-Germanja.

4.7 Is-seba' prijorità: Is-Suq Intern u r-regolamentazzjoni tas-servizzi lin-negozju

Tnaqqis u semplifikazzjoni tal-piż regolatorju. Hemm diversi fatturi restrittivi li jaħdmu kontra l-intrapriżi tas-servizzi lin-negozju u jgħibu fix-xejn l-isforzi tagħhom biex iżidu l-produttività tagħhom u biex ifittxu n-negozju fi Stati Membri oħra. Dawn jinkludu problemi relatati mal-mobilità tax-xogħol u r-rikonoxximent ta' kwalifiki edukattivi. Il-volum u l-kumplessità tar-regolamentazzjoni żiedu tul dawn l-aħħar snin u dan żied il-piż fuq il-provvedituri ż-żgħar tas-servizzi. L-iktar punti rilevanti li jeh-tiegu l-attenzjoni huma:

- *It-twaqqif u t-trasferiment ta' l-intrapriżi.* Il-ħin u l-flus meħtieġa għat-twaqqif ta' intrapriżi ġodda jew it-trasferiment tas-sjieda ta' waħda eżistenti huma projbittivi għall-SMEs;
- *Ostakli għall-esportazzjonijiet tas-servizzi.* Ir-riżorsi meħtieġa biex jinstabu r-regolamenti rilevanti għan-negozju tagħhom u l-ispejjeż marbuta mal-konsultazzjoni jqumu ħafna għall-SMEs li jixtiequ jesportaw is-servizzi. Jinħtieġ li jsir segwitu tan-negozjati tal-kummerċ internazzjonali biex jitneħħew l-ostakli — li m'humiex neċessarji — fil-qasam tas-swieq esterni tas-servizzi lin-negozju għall-provvedituri Ewropej tas-servizzi. Il-bażi tad-data eżistenti dwar l-aċċess għas-suq, li nħolqot mill-Kummissjoni Ewropea għandha tikkontribwixxi għall-identifikazzjoni ta' dawn l-ostakli;
- *Restrizzjonijiet fuq kollaborazzjoni multi-dixxiplinarja.* Jeżistu ostakli għall-aċċess tal-provvedituri tas-servizzi professjonali li jistgħu jitneħħew għaladarba d-Direttiva dwar is-Servizzi tidħol fis-seħħ;
- *Traspożizzjoni deficijenti tal-leġislazzjoni ta' l-UE kif ukoll liġijiet li ma jaqblux bejn Stat Membru u ieħor.* Anke jekk ir-regolamenti m'humiex direttament kontra s-Suq Intern, il-fatt li teżisti disparità wiesgħa fost il-pajjiżi ta' l-UE jfixkel l-integrazzjoni tas-suq;
- *Akkwist pubbliku u regolamentazzjoni li jikkonċernaw kompetizzjoni bejn kumpaniji pubbliċi u dawk ta' l-Istat għall-kuntratti pubbliċi;*
- *Ostakli li jipprekludu l-firxa tas-servizzi fl-Istati Membri kollha.* Attitudnijiet difensivi adottati minn assoċjazzjonijiet professjonali fil-liġijiet lokali tagħhom li jkunu kontra li jippermettu li joperaw lil prattikanti minn Stati Membri oħra;
- *Stazzjonar ta' ħaddiema kkwalifikati.* Id-diffikultajiet fl-istazzjonar ta' ħaddiema fi Stati Membri oħra, anke meta l-postijiet tax-xogħol jirrikjedu kwalifiki għoljin. L-opinjoni tal-KESE dwar "L-istazzjonar tal-ħaddiema" tista' sservi ta' gwida f'dan ir-rigward ⁽¹⁴⁾;
- *Rikonoxximent tal-kwalifiki.* Id-Direttiva 2005/36/KE tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali kellha tiġi trasposta sa l-20 ta' Ottubru 2007. Dan kien jinvolvi s-sostituzzjoni ta' ħmistax il-Direttiva preċedenti dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali. Attwalment, għandu jkollna modernizzazzjoni komprensiva tas-sistema tal-Komunità, li tippromovi s-suq ta' l-UE għas-servizzi lin-negozju, permezz tar-rikonoxximent tal-kwalifiki iktar flessibbli u awtomatiku. Sadattant, l-inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea, imsejħa IMI, qed titqies bħala approċċ prattiku għall-awtoritajiet u dawk li jħaddmu fl-Istati Membri biex ikunu jistgħu jiċċekjaw f'bażi tad-data ċentrali liema awtorità maħtura (flivell reġjonali jew nazżjonali f'kull Stat Membru) hija awtorizzata toħroġ iċ-ċertifikati ta' kompetenza u kwalifiki u biex tivverifika l-awtentiċità tat-tali ċertifikati;
- *Traspożizzjoni tad-Direttiva tas-Servizzi.* Biex ikunu jistgħu jib-benefikaw bl-aħjar mod possibbli mill-ambjent regolatorju l-ġdid, analiżi settorjali tkun ta' għajjnuna kbira lis-servizzi lin-negozju, b'mod partikulari l-identifikazzjoni ta' l-ostakli li jkun fadal waqt u wara t-traspożizzjoni tad-Direttiva tas-Servizzi. Dan se jkun is-suġġett għall-iskrining li se jibda fl-2010, sabiex ikun jista' jiġi evalwat il-progress dwar it-traspożizzjoni, u l-mod li bih dan isir ikun segwit mill-qrib. Għandha tingħata attenzjoni partikulari lill-impatti fuq l-ekonomija tas-servizzi lin-negozju. Is-sistemi ta' informazzjoni tas-suq intern jistgħu jipprovdu informazzjoni utli għas-segwitu u s-semplifikazzjoni futura tad-differenzi nazżjonali

Brussell, id-9 ta' Lulju 2008.

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Dimitris DIMITRIADIS

⁽¹⁴⁾ Ara CESE 995/2008 tad-29.5.2008 (SOC/282). ĠU C 224, 30.8.2008, p. 95.

APPENDIĊI

għall-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

It-test li ġej ġie mmodifikat fid-dawl ta' emenda li ġiet adottata mill-assemblea, iżda rċieva mill-inqas kwart tal-voti mix-ħuta:

Punt 2.2 — it-tieni inċiż:

“— Politika tas-suq tax-xogħol fis-servizzi lin-negozju. Minn perspettiva soċjali, huwa meħtieġ studju profund fil-livell settorjali dwar l-isfidi li qed joħlqu t-tipi ġodda ta' impjegi ġenerati mill-interazzjonijiet tas-servizzi tal-manifattura u tan-negozju. Din l-analiżi għandha tinkludi l-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja, kif ukoll il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema inklużi dawk involuti fil-proċessi ta' esternalizzazzjoni. Biex jintlaħaq dan l-oġettiv, l-aġenda għad-djalogu soċjali għandha tiġi estiża biex tanalizza l-bidliet speċifiċi fil-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-oportunitajiet ta' xogħol li jirriżultaw minn bidliet strutturali li jaffettwaw lis-servizzi lin-negozju.”

Riżultat:

87 vot favur l-emenda, 35 kontra u 13-il astensjoni.
